# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 17**

**Avviz numru 1554/00/SM**

**Citadel Insurance p.l.c. kif surrogata fid-dritijiet tal-assikurata taghha Kim Muscat sija bil-polza u sija bil-ligi.**

**vs**

**Maria Teresa Grech**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat id-9 ta' Novembru tas-sena 2000 li permezz tieghu s-socjeta' attrici nomine sejhet lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

**1. Thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u disgha u tmenin lira u erbghin centezmu, (LM289.40,0) jew ammont iehor verjuri li jigi**

**likwidat min din l-Qorti, jekk hemm bzonn anke permezz ta' periti nominandi, rappresentanti danni sofferti minnha fl-incident awtomobilistiku tat-3 ta' Mejju 1999 f'College Street, Mosta, meta waqt li kienet qed issuq il-vettura numru DAR 101 habtet mal-vettura numru KIM 130 misjuqa minn u proprjeta' tal-assikurata Kim Muscat, u ikkagunajtilha hsara, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, lil-imsemmi incident gara b'tort unikament taghha minhabba traskuragni, imperizija u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha;**

2. **Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta' April 2000 u tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment kontra s-socjeta' assikurattrici taghha u kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota datata l-15 ta' Jannar tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenuta eccepiet is-segwenti:**

1. **Illi dak li talbet is-socjeta' attrici ghandu jigi michud, bl-ispejjez kontriha ghax, ghall-incident stradali in kwistjoni kienet tahti Kim Muscat;**

2. **Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoi orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh fit-3 ta' Mejju ta' l-1999 ghall-habta ta' l-10.00 a.m. fi Triq il-Kullegg, il-Mosta, fejn kienu**

**nvoluti l-vetturi wahda tal-marka Suzuki bin-numru DAR-101 misjuqa mill-konvenuta Grech Maria Teresa u l-ohra tal-marka Vauxhall bin-numru KIM 130 li kienet ipparkjata fl-imsemmija triq proprjeta' ta' Kim Muscat, l-assikurata tas-socjeta' attrici nomine;**

2. **Illi fil-hin ta' l-incident il-vettura assigurata mis-socjeta' attrici kienet stazzjonata meta l-istess assigurata Kim Muscat fethet il-bieba, harget saqajha mill-karozza biex tohrog minnha, meta f'daqqa wahda giet fuqha l-vettura misjuqa mill-konvenuta u dahlet fil-bieba ta' l-assigurata;**

3. **Illi skond l-iskizz ipprezentat jirrizulta li t-triq in dizamina hi wiesgha bizzejjed biex zewg vetturi jghaddu komodament;**

4. **Illi in effetti jirrizulta li l-assigurata Muscat kienet rat lill-konvenuta gejja fid-direzzjoni taghha wara li daret il-kantuniera;**

5. **Illi jirrizulta li fil-karreggata tal-konvenuta kien hemm hoffra mdaqsa li minhabba fiha l-istess konvenuta jirrizulta li flok naqset il-velocita' u ssuperata bil-mod, gibdet fuq ix-xellug taghha, qabzet sew nofs it-triq in dizamina u ghalkemm evitat il-hofra de quo habtet fil-vettura ta' l-assigurata Muscat;**

6. **Illi d-danni sofferti mis-socjeta' attrici nomine jammontaw komplessivament ghal mitejn u disa' u tmenin Lira Maltin u erbghin centezmu, (LM289.40,0);**

**Ikkonsidrat:**

**Illi jidher abbundantement assodat mill-analizi tal-fatti kif fuq esposti li l-konvenuta hi responsabbli ghall-incident de quo stante li kien ghaqli li tnaqqas il-velocita' u tibqa' miexja fil-karreggjata taghha biex ma tkunx ta' perikolu ghaliha u ghal haddiehor;**

**Ghaldaqstant, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici nomine u konsegwentement:**

1. **Tiddikjara lill-konvenuta Maria Teresa Grech unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistikuk in dizamina;**

2. **Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' mitejn u disa' u tmenin Lira Maltin u erbghin centezmu, (LM289.40,0);**

3. **Tikkundanna lill-konvenuta Maria Teresa Grech thallas l-ammont hekk likwidat lis-socjeta' attrici nomine, bl-ispejjez u l-imghaxijiet dovuti skond il-ligi.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**